



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2010/0186(NLE)

21.6.2011

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li ltaqgħu fil-Kunsill dwar il-konklużjonijiet tal-Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha u l-Ġeorġja
(09185/2011 – C7-0124/2011 – 2010/0186(NLE))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Thomas Ulmer

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li Itaqgħu fil-Kunsill dwar il-konklużjonijiet tal-Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha u l-Ġeorġja (09185/2011 – C7-0124/2011 – 2010/0186(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09185/2011),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra (14370/2010),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 218 (8), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0124/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0010/2010),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Repubblika tal-Ġeorġja.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-ftehim attwali jittratta dwar ftehim internazzjonali għar-regolazzjoni tar-relazzjonijiet fil-qasam tal-avjazzjoni bejn l-UE, is-27 Stat Membru tagħha u l-Ġeorġja.

L-għan tal-ftehim huwa l-istabbiliment ta' Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja. Il-ftehimiet bilaterali li kien hemm s'issa, li jirregolaw is-servizzi tat-trasport bl-ajru bejn iż-żewġ partijiet, għandhom jiġu sostitwiti bil-ftehim il-ġdid. Dan il-pass qed isir fuq l-isfond tal-politika tal-UE tal-vcinat, li wkoll għandha l-għan li tiġi stabbilita żona komuni tal-avjazzjoni bejn l-UE u l-ġirien tagħha.

Il-Kunsill iffirma l-ftehim fit-2 ta' Diċembru 2010. Il-ftehim se jiġi applikat proviżorjament sa ma jidħol fis-seħħ.

Fid-dettall:

Il-ftehim se jgħaddi lill-Ġeorġja d-dispożizzjonijiet u r-regolamenti tas-suq intern tal-avjazzjoni fl-UE u se jistabbilixxi kundizzjonijiet qafas li huma standard għall-impriżi kollha tal-avjazzjoni fl-UE u fil-Ġeorġja. Permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li attwalment japplikaw għas-sigurtà tal-ajru u tal-avjazzjoni u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fuq il-Ġeorġja, se jintlaħaq aċċess reċiproku għas-suq u se tkun faċilitata l-parteċipazzjoni ħielsa minn diskriminazzjoni tal-atturi ekonomiċi kollha fiż-żona tal-avjazzjoni komuni. Fil-futur, permezz ta' dan, it-trasportaturi bl-ajru kollha fl-UE u fil-Ġeorġja se jkunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom minn kull lokazzjoni fl-UE u lejn kull post fil-Ġeorġja.

Wieħed jassumi li l-ftuħ reċiproku tas-suq se jgħib miegħu l-parteċipazzjoni ta' parteċipanti ġodda tas-suq, it-tħaddim ta' ajruporti inqas moqdiya u l-konsolidazzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-UE. Skont il-Kummissjoni, l-istabbiliment gradwali ta' Spazju Komuni bejn l-UE u l-Ġeorġja se jiġġenera żieda li hija stmata li tlaħħaq 25 000 passiġġier u total ta' madwar 17-il miljun EUR f'benefiċċji għall-konsumaturi fl-ewwel sena.

Id-deċiżjoni attwali tal-Kunsill tapprova l-ftehim (Artikolu 1). 'Il hinn minn dan, il-Kunsill adotta arranġamenti proċedurali fil-każ li jintemm il-ftehim (Artikolu 2), dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-Kumitat konġunt (Artikolu 3), li ġie maħtur għall-implimentazzjoni tal-ftehim, għar-riżoluzzjoni tat-tilwim (Artikolu 4), kif ukoll għall-obbligu ta' tagħrif tal-Istati Membri lill-Kummissjoni, li jinkludi l-affarijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tal-ajru (Artikolu 5).

L-opinjoni komuni hija li l-kooperazzjoni tar-regolazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja, li għandha importanza ċentrali għal tħaddim sikur u effikaċi tal-avjazzjoni, tista' tiġi żgurata biss fil-livell tal-UE u b'hekk il-konklużjoni tal-ftehim mill-UE ssir fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarità.

Il-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali attwali, skont l-Artikolu 218 (6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hu suġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Skont l-Artikolu 81 tar-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal ftehim internazzjonali permezz ta' votazzjoni waħda u ma huma permessi l-ebda emendi għall-ftehim.

Abbażi tad-dettalji ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakomanda lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex jiġi konkluż dan il-ftehim.